MEYR 35/2023

Ċirkulari Nru. HR/MEYR 02/2023

Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Bini tal-Edukazzjoni
Triq L-Assedju l-Kbir
Furjana VLT 2000

Data: 13 ta' Jannar 2023

Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi
Il-Kapijiet ta' Entitajiet

**Espressjoni ta' Interess minn Uffiċjali Pubbliċi u Ħaddiema tas-Settur Pubbliku biex jiġu assenjati dmirijiet bħala: Liaison Officers fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa f'Malta 2023, fi ħdan il-Local Organising Committee of GSSE2023 (LOC)**

1. Fil-kuntest tal-prinċipju sabiex ir-riżorsi umani jiġu użati bl-aħjar mod possibbli u jiġu moqdija l-eżiġenzi tas-servizz u tas-settur pubbliku, filwaqt li tiżdied l-esperjenza fil-qasam tax-xogħol tal-individwu, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qed tinħareġ sejħa biex uffiċjali pubbliċi u ħaddiema tas-settur pubbliku, jesprimu l-interess tagħhom sabiex iwettqu d-dmirijiet kif imsemmija hawn taħt, għal perjodu ta' erbgħa (4) ġimgħat, jibda mit-02 ta' Mejju 2023 sat-03 ta' Ġunju 2023, li jista' jiġġedded għal aktar perjodi.

2. Il-kandidati magħżula għandhom, għall-perjodu li matulu jiġu assenjati tali dmirijiet, iwieġbu lill-LOC u kapijiet fejn jiġu assenjati.

**Termini u Kundizzjonijiet**

-

**Dmirijiet**

3. L-uffiċjali eliġibbli huma mistiedna jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom. Id-dmirijiet u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà huma deskritti fl-Anness A mehmuż ma' din iċ-Ċirkolari.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

4. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din l-espressjoni ta' interess, l-applikanti jridu jkunu uffiċjali pubbliċi li jkunu kkonfermati fi kwalunkwe grad. Jistgħu japplikaw ukoll uffiċjali sekondati/b'self/dettaljati ma'/skjerati ma'/fuq rabta ma' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku, li jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa ta' eliġibilità.

5. L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista biex jiġi evalwat jekk humiex adatti għal dawk id-dmirijiet li huma esprimew interess fihom. Il-kandidati magħżula jiġu assenjati fuq dmirijiethom skont l-eżitu ta' tali

valutazzjoni u skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

**Sottomissjoni ta' l-Applikazzjoni**

6. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, permezz tar-Recruitment Portal tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a).

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 17:15 (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

7. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

8. Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

9. L-Uffiċjali magħżula jridu jiffirmaw dokument li jixhed l-impenn tagħhom lejn l-assenjament li ntgħażlu biex jagħmlu.

Mr Matthew Vella
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni